**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 01/2019

**Il-Ħamis 31 ta' Jannar, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier **(Dok. 1)**

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

01.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill, li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienet talbet li tiġi skużata minħabba mpenji personali. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-ittra t'apoloġija. **(Dok. 1)**

01.1.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 01.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 17/2018.

01.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 17/K7/2018 kif ippreżentati.

01.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.2.4 Fis-5:35pm is-Sindku Dean Hili ippropona sospensjoni tal-aġenda biex item 9 tiġi diskussa qabel item 3.

01.2.5 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 01.9 Rapport Finanzjarju perjodu Ottubru – Diċembru 2018.

01.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta r-rapport finanzjarju għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2018. **(Dok. 2)**. Il-kelliem stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tagħmel l-ispjega tagħha.

01.9.2 Wara l-ispjega tal-accountant, u fid-dawl li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tad-dokument kif ippreżentat.

01.9.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.9.5 Is-Sindku Dean Hili rringrazzja lill-Accountant Romina Perici Ferrante u ħalliet il-kamra.

01.9.6 Fil-5:40pm is-Sindku Dean Hili ippropona sospensjoni tal-laqgħa biex ikunu jistgħu jiġu approvata l-Financial Statements għas-sena 2019.

01.9.7 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.9.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**01.9.9 Il-laqgħa ġiet sospiża.**

**01.9.10 Il-laqgħa tkompliet fis-6:00pm.**

## 01.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

| | |
|---|---|
| **46/0027/19/I** | Email mingħand Leon Promotions dwar attivitajiet għal żmien il-Karnival. |

01.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0027/19/I** fejn irrimarka li tali attività hija riskjuża peress li meta kien hemm okkażjonijiet simili, l-konkorrenza kienet fqira ħafna. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li għal din is-sena, m'hemmx ħin biżżejjed biex il-Kunsill ikun jista' jfassal programm adegwat.

01.3.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/0037/19/I** | Talba sabiex isiru double yellow lines tul Triq Jum Pembroke minħabba li qed jipparkjaw il-vetturi u vetturi tal-emerġenza ma jkunux jistgħu jgħaddu. |

01.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0037/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

01.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/0066/19/I** | Stima mingħand ICT Solutions ta' €575.00 + Vat għat-tiġdid tal-liċenzja ta' Sage Evolution inkluż support. |
| **46/0112/19/I**<br>**46/0122/19/I** | Stima mingħand ICT Solutions ta' €1,050.00 + Vat biex jimplimentaw il-bidla fis-sistema tad-deprezzament tal-assi. |
| **46/0201/19/I**<br>**46/0216/19/O**<br>**46/0224/19/I** | Stima mingħand Progressive Solutions ta' €360.00 + Vat għat-tiġdid tal-liċenzja ta' Sage Evolution inkluż support u €40.00 + Vat kull siegħa biex jimplimentaw il-bidla fis-sistema tad-deprezzament tal-assi. |

01.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0066/19/I, 46/0112/19/I, 46/0122/19/I, 46/0201/19/I, 46/0216/19/O u 46/0224/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħżel l-irħas offerta u għalhekk jitlob li l-liċenzja tiġġedded mal-kumpanija Progressive Solutions kif ukoll jintalbu jipprovdu s-servizz relatat mal-bidla fis-sistema tad-deprezzament tal-assi.

01.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/0071/19/I** | Ċirkulari 2019/001 mingħand l-AKL dwar polza t'assikurazzjoni tal-flus fil-Kunsilli. |

01.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0071/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jirratifika d-deċiżjoni li jġedded din il-polza kif propost mill-AKL.

01.3.11 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0156/19/I** Ċirkulari 2019/004 mingħand l-AKL dwar il-laqgħa plenarja li ser issir f'Għawdex bejn il-15-16 ta' Frar 2019.

01.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0156/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill iħallas il-miżata dovuta tal-Viċi Sindku Raymond Lanzon u tiegħu. Il-kelliem irrimarka li l-kumplament tal-membri kienu nfurmaw lill-Kunsill li ma jistgħux jattendu.

01.3.14 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0195/19/I** Talba mingħand resident biex isiru double yellow line fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx tiegħu fi Triq Patri A. Tonna Barthet.

01.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0195/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jressaq it-talba għall-approvazzjoni ta' TM biex isir double yellow line fuq naħa waħda biss, jiġifieri quddiem il-propjetà ta' min qed jagħmel it-talba biss.

01.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0202/19/I** Ċirkulari 2019/006 mingħand l-AKL dwar kors għal tifi ta' nar u first aid.

01.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0202/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jirratifika d-deċiżjoni li jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għal dawn il-korsijiet.

01.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0210/19/I** Email mingħand il-Pembroke Athleta Football Nursery jistaqsu lill-Kunsill jekk it-turnament annwali tal-futbol huwiex ser isir.

01.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0210/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jorganizza dan it-turnament annwali u għalhekk għandu jitlob laqgħa mal-amministraturi tal-klabb biex jintlaħaq ftehim kif ser jiġi organizzat abbażi tal-parametri tas-snin passata.

01.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0215/19/I** Email mingħand il-Corinthia Group jitolbu li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jispjegaw il-proposti li qed jagħmlu.

**46/0303/19/I** Dikjarazzjoni konġunta li qed tiġi proposta minn Graffiti biex tintbagħat lill-Kumitat Parlamentari dwar l-Ambjent vis-à-vis il-ftehim bejn il-Gvern u l-Corinthia Group.

01.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0215/19/I u 46/303/19/I** fejn informa lill-Kunsill li l-laqgħa kienet ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2019 fejn ser ikunu preżenti rappreżentanti ta' diversi Kunsilli Lokali, liema laqgħa sfortunatament ġiet ikkanċellata mill-Kunsill Lokali San Ġiljan mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsilli l-oħra konċernata fosthom il-Kunsill Lokali Pembroke. Intant il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika l-pożizzjoni meħuda flimkien ma' Kunsilli oħra u diversi NGO's favur li l-Kumitat Parlamentari dwar l-Ambjent jiġi mitlub jiddiskuti l-ftehim propost.

01.3.26 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0265/19/I** Konferma mingħand il-WSC dwar il-proġett tad-dawl f'parti minn Triq il-Mediterran.

**46/0395/19/I** Stima aġġornata mingħand J&K Contractors għax-xogħol ta' trinka għal street lighting f'parti minn Triq il-Mediterran.

01.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0265/19/I u 46/0395/19/I** fejn ippropona li biex isir aħjar, it-trinka fejn ser jgħaddu l-cables ser issir fuq il-bankina u mhux fil-ħamrija u dan minħabba li f'partijiet sostanzjali hemm il-hedge kif ukoll hemm żewġ culverts tal-ilma. Il-kelliem ippropona wkoll li peress li x-xogħol ser jiġi jiswa aktar minn dak maqbul mal-WSC, id-differenza għandha tinħareġ mill-fondi tal-Kunsill.

01.3.29 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0295/19/I** Talba mill-Institute for Education biex isiru 1 jew 2 parkeġġi riservata għall-persuni b'diżabilità biswit l-uffiċċju tagħhom fi Triq Martin Luther King.

01.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0295/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba u għalhekk għandu jintalab il-permess ta' TM biex isiru dawn il-parking bays.

01.3.32 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0315/19/I** DNO 01571/18 approvata mill-PA dwar ix-xogħol t'upgrading fis-sit li hemm bejn Triq Sant'Andrija, Triq Tobruk u l-Pembroke P&R.

01.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0315/19/I** fejn informa lill-Kunsill li x-xogħol ser jinbeda fil-ġimgħat li ġejja, liema xogħol ser jinkludi passaġġ pedonali, dawl, landscaping u possibbilment post għall-bankijiet u open gym equipment. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova li x-

xogħol ta' kostruzzjoni għandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors filwaqt li x-xogħol ta' dawl għandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill Mica Med Ltd.

01.3.35 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0332/19/I** Email mingħand iċ-Ċentru tax-Xjenza f'Pembroke jinfurmaw lill-Kunsill b'attiva' STM li ser issir nhar l-4 u 5 ta' Mejju, fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill.

01.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0332/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jgħin fejn jista' fosthom li l-attività tingħata promozzjoni fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill kif ukoll li jiġu provduta mobile toilets, ladarba l-attività hija miftuħa għall-pubbliku.

01.3.38 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0333/19/I** Ittra mingħand resident fi Triq Adelaide Cini bħala tweġiba għall-ittra tal-Perit tal-Kunsill dwar gradilji għall-ilqugħ tal-ilma.

01.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0333/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jaderixxi mal-parir tal-Perit tal-Kunsill u għalhekk ir-resident għandu jintalab jara li jirrevoka dak li sar mingħajr permess.

01.3.41 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0343/19/I** Email mingħand ir-Reġjun Tramuntana jistaqsu lill-Kunsill jekk huwiex interessat li jidħol membru fl-ECAD.

01.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0343/19/I** fejn fakkar lill-Kunsill li lura fid-19 ta' Diċembru 2017 (Minuti 15/K7/2017 – 15.5.19) il-Kunsill kien qabel unanimament li ladarba l-Kunsill m'għadux jipparteċipa fl-inizjattivi ta' din l-organizazzjoni, il-Kunsill m'għandux ikompli bit-tiġdid tal-miżata. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jkompli fuq l-istess pożizzjoni.

01.3.44 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0346/19/I** Ittra mingħand il-Pembroke Athleta Athletics & Triathlon jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw it-tlielaq annwali nhar il-31 ta' Marzu 2019.

01.3.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0346/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni biex isiru dawn it-tiġrijiet inkluż li fid-dawl li fil-lokal ser ikun hawn eluf ta' parteċipanti, b'żieda ma' dak li jipprepara l-klabb, il-Kunsill għandu jara li jkunu provduta first aid inkluż ambulanza, mobile toilets u tabib, u dan bħala prevenzjoni għal dak li jista' jinqala'. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-klabb għandu jkun infurmat li minħabba

l-programm ta' bini ta' toroq ġodda li qed tagħmel Infrastruttura Malta, jaf ikun hemm xogħol għaddej fit-toroq li minnhom jgħaddu l-ġirjiet.

01.3.47 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0358/19/I** Proposta u disinn mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar parti kbira mill-bankina ta' Triq Alamein.

01.3.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0358/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova d-disinn propost inkluż li x-xogħol għandu jinbeda appena joħorġu l-permessi ta' TM.

01.3.50 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0359/19/I** Email mingħand għalliema fl-Iskola Primarja Pembroke, Kulleġġ Santa Klara, tistaqsi għall-ideat tal-Kunsill biex it-tfal tas-sitt 6 sena skolastika jagħmlu proġett b'xogħol fil-komunità'

01.3.52 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0359/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirrakkomanda li l-istudenti jħawlu siġar fis-sit li ser isir upgrading bejn Triq Sant'Andrija u l-Pembroke P&R.

01.3.53 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0368/19/I** Stima mingħand B. Grima & Sons għall-provvista ta' PVC boards biex jitwaħħlu mac-cycle racks għall-prezz ta' €20.00 + Vat (5mm) jew €38.00 + Vat (10mm)

01.3.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0368/19/I** fejn informa lill-Kunsill li preżenetament il-Kunsill għandu 60 Ubar li huma speċifikament għall-użu tar-roti, fejn fil-laqgħat preċedenti kien hemm qbil li parti minnhom jintużaw għall-kampanja edukattiva dwar id-donazzjoni tad-demm. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jipprova jġib sponsor għall-ispiża nvoluta.

01.3.56 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0396/19/I** Stima aġġornata mingħand J&K Contractors għax-xogħol ta' trinka għal street lighting fi Triq Jum Pembroke.

01.3.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0396/19/I** u għad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti biex isiru lampi fi Triq Jum Pembroke fejn ippropona li wara spezzjoni fuq il-post li saret flimkien mal-kuntrattur, jirriżulta, li hemm bżonn li jsiru 5 lampi minflok 3 kif kien maħsub, kif ukoll trinka biex jgħaddu l-cables minnha. Il-kelliem ippropona li din tiġi approvata.

01.3.59 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0397/19/I** Email mingħand TCTC joffri li jorganizza l-korsijiet Robotica u Coding fix-xhur tas-Sajf għal-tfal ta' bejn 5 u 14-il sena għall-ħlas ta' €1,150.00 mill-Kunsill filwaqt li l-parteċipanti jintalbu jħallsu €50.00 biss għal kull kors.

01.3.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0397/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li joffri dawn il-korsijiet.

01.3.62 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0385/19/I** Email li Nature Trust bagħtu lill-ERA u lill-Ministeru konċernat dwar il-ħarsien taż-żona Natura2000.

**46/0401/19/O** Email li l-Kunsill bagħat lill-Pulizija dwar illegalitajiet li jsiru fuq is-sit Natura2000.

**46/0402/19/I** Rispons mingħand l-AC Mamo għall-ilmenti li għamel is-Sindku dwar illegalitajiet fuq is-sit Natura2000.

01.3.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0385/19/I, 46/0401/19/O u 46/0402/19/I** inkluż għall-artikli u kummenti li dehru fuq l-internet dwar l-abbużi li jkun hemm fuq in-Natura2000 speċjalment fi tmiem il-ġimgħa. Il-kelliem irrimarka li kien għamel kuntatt mal-AC Mamo fejn minnaħa tagħha ħarġet struzzjonijiet u talbet assistenza minn sezzjonijiet oħra tal-Pulizija biex tiżdied ir-rotta u jittieħdu passi kontra min jabbuża.

01.3.65 B'żieda mal-kummenti tas-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jitlob lill-AFM biex huwa ukoll jagħmlu patrol tas-sit biex kemm jista' jkun jitnaqqas l-abbuż, u dan fid-dawl li l-AFM tokkupa parti sostanzjali miż-żona Natura2000 f'Pembroke.

01.3.66 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.3.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.3.68 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 17/K7/2018 item 17.7.1 fejn irrimarka li ma kienux daħlu aktar stimi għax-xogħol konness mad-dawl tal-funtana u għalhekk ippropona li d-dawl jiġi provdut mill-kumpanija MicaMed Limited. Il-kelliem irrimarka li l-aħħar li jkun għad fadal x'jiġi deċiż, huwa dwar kif ser issir l-emblema tal-Kunsill.

01.3.69 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.3.71 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 17/K7/2018 item 17.7.2 fejn ippropona li jitqabbad il-Perit biex jagħmel disinn partikulari.

01.3.72 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.3.74 Is-Sindku Dean Hili ppropona li mas-sistema diġa eżistenti ta' CCTV madwar l-uffiċċju amministrattiv, il-Kunsill għandu jinstalla camera oħra ġewwa l-bini tal-uffiċċju fil-parti tal-customer care.

01.3.75 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

01.3.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.3.77 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-inizjattiva meħuda mid-DLG u l-AKL fejn l-impjegati tal-Kunsilli u l-membri eletti ġew offruta l-possibilità li jagħmlu Masters, il-kelliem fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien ġie mħeġġeġ li japplika, kif fil-fatt għamel u diġa beda jattendi dan il-kors. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jiffinanzja d-depożitu mitlub biex ikun jista' jsir dan il-Masters bil-kumplament tal-ispejjeż ikunu a karigu tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jew skemi oħra tal-Gvern li jista' jibbenefika minnhom.

01.3.78 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

01.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 01.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

01.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 01/2019** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 17/K7/18 u 01/K7/19 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 02/2019** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 17/K7/18 u 01/K7/19 **(Dok. 4)**

01.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 01/2019** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

01.5.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.6 Post vakant għal-skrivan/a full time fi Skala 15.

**46/0010/19/I** Ittra ta' riżenja mill-impjieg mingħand l-iskrivana Kirsty Xuereb Rizzo.

**46/0082/19/I** Email mingħand id-DGL jikkonferma li l-perjodu tan-notice huwa ta' 90 ġurnata u għalhekk l-aħħar ġurnata tax-xogħol għandha tkun 2 ta' April 2019.

**46/0105/19/I** Email mingħand l-iskrivana Kirsty Xuereb Rizzo titlob lill-Kunsill biex ma taħdimx in-notice kollu, iżda tieqaf fl-aħħar ta' Frar minflok fl-aħħar ta' Marzu 2019.

**46/0133/19/O** Risposta lis-Sinjura Xuereb Rizzo, li risposta għat-talba tagħha tista' tingħata uffiċjalment wara l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**46/0141/19/I** Email mingħand l-iskrivana Kirsty Xuereb Rizzo tinforma lill-Kunsill li jekk it-talba tagħha biex ma taħdimx in-notice kollha mhux ser tiġi milqugħa, hija kienet ser tkun ristretta li tħallas nofs l-ammont dovut.

01.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-iskrivana Kirsty Xuereb Rizzo ippreżentat ir-riżenja tagħha u talbet li tiġi eżentata milli tagħmel il-perjodu kollu tan-notice, jiġifieri tieqaf fl-aħħar ta' Frar minflok tieqaf fit-2 ta' April kif jistipula l-ftehim kollettiv. Il-kelliem irrimarka li wara konsultazzjoni u qbil mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, huwa kien qed jipproponi li l-Kunsill imur pass oltre, u cioe s-sinjura Xuereb Rizzo għandha tiġi rilaxxata b'effett mill-10 ta' Frar 2019, dan sabiex ma titlifx l-opportunita' li sabet. Il-kelliem ippropona wkoll li Ms. Xuereb Rizzo għandha tiġi mitluba tirritorna lura ċ-ċwievet tal-Kunsill kif ukoll l-uniformi tax-xogħol provduta lilha mill-Kunsill.

01.6.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.7 Uffiċċjal fi skala 10 (progression).

01.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Uffiċċjal Alison Grixti għandha tingħata ż-żieda annwali fl-iskaletta, fi Skala 10.

01.7.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.8 Bus Shelters ġodda fil-lokal.

**46/0034/19/O** Proposta biex isiru bus shelters ġodda u jinbidlu dawk antiki.

**46/0357/19/I** Email mingħand Faces Consultants Ltd. dwar bus shelters fil-lokal.

01.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-ftehim milħuq bejn l-AKL u Faces Display dwar iż-żamma, l-manutenzjoni u l-installazzjoni ta' Bus Shelters fejn b'żieda mat-tlett bus shelters diġa approvata mill-Kunsill, il-Kunsill għandu jagħmel talba lil Faces biex:

- Il-bus stop St. Andrews (Triq Alamein) jitmexxa l'fuq u jiġi nstallat Bus Shelter fi Triq Suffolk wara l-multi purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju;
- Il-bus shelter ta' bus stop St. Andrews (Triq Suffolk) li huwa tal-ġebel, jinbidel wara li l-Kunsill ikollu ndikazzjoni dwar x'ser jiġri mill-proġett tal-Australia Hall;
- Mal-bus stop Luther (Triq Martin Luther King) isir bus shelter;
- Il-bus stop Patrizju (Triq Sir Adrian Dingli) jinbidel il-bus shelter tal-ġebel u minflok isir wieħed mill-ġodda;

- Mal-bus stop Klara (Triq Adrian Dingli) isir shelter ġdid fejn is-sit ser jieħu parti mit-trakka tal-BMX, u
- Il-bus stop Sisner (Triq Il-Mediterran) isir bus shelter ġdid peress li m'hemmx.

01.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.10 Kontijiet Bankarji.

**46/3421/19/I** Komunikat mingħand HSBC fejn infurmaw lill-Kunsill li minbarra l-miżata ta' €10.00 fix-xahar għall-użu tal-HSBC net, b'effett minn Frar 2019 imponew miżata ta' €27.00 fix-xahar fuq kont bankarju tal-Kunsill bħala maintenance fee.

01.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-HSBC fejn wara diskussjoni li saret, ippropona li l-Kunsill iwaqqaf gradwalment il-kontijiet li l-Kunsill għandu mal-HSBC u jibda l-proċess biex jinfetħu kontijiet simili mal-BOV.

01.10.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.11 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

01.11.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, huwa kien qed jipproponi li l-Kunsill jinnomina lis-sinjura Alison Grixti bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

01.11.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.12 Ħatra ta' Data Controller u Data Protection Officer.

01.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0363/19/I** fejn informa lill-Kunsill li minħabba r-regolamenti tal-GDPR, huwa kien qed jipproponi li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jinħatar bħala Data Controller u l-iskrivana Alison Grixti bħala Data Protection Officer. Il-kelliem informa wkoll lill-membri li b'effett immedjat il-Kunsill ser jibda jara li jaderixxi mar-rekwiżiti kollha elenkata fil-liġi, speċifikament dwar it-tixrid tad-data u l-protezzjoni tagħha u għalhekk mhux ser jibqgħu jitqassmu lmenti u korrispondenza permezz t'email li jirċievi l-Kunsill minħabba li jkun hemm informazzjoni li fiha jiġi ddentifikat is-sors.

01.12.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

01.13.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 5, 6, 7, 8 u 9)**

01.13.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

01.13.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

01.13.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.14 Mozzjonijiet.

01.14.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 01.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

01.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 28 ta' Frar 2019 fil-5:30pm.

Konfermati, llum 28 ta' Frar, 2019

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**